MINUTI

# Laqgħatal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30/2021-8

Il-Ġimgħa, 23 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'mod virtwali fuq MS Teams minħabba ir-restrizzjonijiet tal-pandemija u dan skond Direttiva 7/2020.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-SinjuraSandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet fil-5.20 ta' filgħaxija b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti b'mod virtwali għal-laqgħa.

30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 27/2021, Laqgħa b'urġenza 28/2021 u Laqgħa b'urġenza 29/2021 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

30.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti 27/2021.

30.2.3 Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini u l-Kunsillier Baskal Saliba talbu għal xi korrezzjonijiet fil-minuti 27/2021. Il-membri qablu li jsiru l-korrezzjonijiet kif proposti.

30.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 28/2021 u 29/2021. Kulħadd kien favur li dawn il-minuti jiġu approvati.

30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti li minħabba l-pandemija Jum iż-Żebbuġ għat-tieni sena konsekuttiva ma jistax isir. Fuq proposta tal-Viċi Sindku, l-membri qablu li jsir avviż fuq il-paġna ta' *Facebook.*

30.3.2 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba informa lil membri tal-Kunsill illi hemm bżonn li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni lil Awtoritajiet kkonċernati rigward l-istat ħażin tat-Torri li hemm fuq il-Bajja tax-Xifer peress li l-parti ta' wara qed iċċiedi. Il-membri qablu.

30.3.3 Rigward il-kalata fi Triq iż-Żebbuġ 'il fuq minn Triq ta' Ċenċ is-Sindku propona u l-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex sabiex titranġa peress li hi perikoluża għas-sewwieqa.

30.3.4 Is-Sindku informa lil preżenti illi sid il-ħajt ta' Triq Ħabel it-Twil qed jiġi ilmenta l-Kunsill peress li dan il-ħajt għadu ma nbeniex. Il-membri qablu li l-Ministeru għal Għawdex jerġa jiġi mfakkar f'dan ir-rigward.

30.3.5 Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi waqt laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex ġie diskuss l-iżvilupp li qed isir fl-irħula Għawdxin. Is-Sindku kompla jgħid illi ma jħossx li bħala Kunsill għandu jikkumenta fuq l-iżvilupp li qed isir f'Għawdex u lanqas jixtieq li bħala Kunsill ikollna d-dritt li nżommu xi permessi. Kompla jgħid li mhux kompitu tal-Kunsill li jżomm xi permessi milli joħorġu peress li hemm Awtorijiet kompetenti fuq dawn l-affarijiet. Informa lil membri li r-Reġjun t'Għawdex ser jgħaddi €5000 lil Kunsill biex ikun jista' jiġġieled l-iżviluppi. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjien is-Sindki kollha t'Għawdex flimkien mar-Reġjun għandhom jiltaqgħu mal-Ministru Aaron Farrugia f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina esprima illi jaqbel perfettament mas-Sindku peress li dan hu piż fuq il-Kunsill u l-Kunsilliera. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux ser issir konsultazzjoni iżda is-Sindku informha illi aktarx li din ser tibda' titħaddem malajr kemm jista' jkun. Il-membri qablu mas-Sindku f'dan ir-rigward peress li ma jħossux li bħala Kunsill għandhom jindaħlu fuq affarijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

30.3.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil membri illi l-Kunsill irċieva l-ewwel pagament ta' €98,924 mid-DPF għat-tisbiħ taż-Żebbuġ Playing Field.

30.3.7 Is-Sindku ressaq emejl mibgħuta minn persuni sabiex isir il-*breakwater* ta' Marsalforn. Is-Sindku qal li bħala Kunsill dejjem kien favur li dan jitwettaq iżda propona sabiex il-Kunsill iħalli l-awtoritajiet ikkonċernati jmexxu dan il-proġett pero qal li jixtieq li l-Kunsill ikollu dokumentazzjoni f'dan ir-rigward sabiex ikun jista' jinforma lil pubbliku. Kompla jgħid li l-Kunsill ma kienx involut fil-*masterplan* ta' Marsalforn. Propona li għandha ssir laqgħa formali

## 30.5 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

30.5.1 Ittra minn Transport Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva t-talba tal-Kunsill għal parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' fi Triq Għar Qawqla.

30.5.2 Ittra minn Otters ASC fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat avveniment sabiex jipromwovu l-*waterpolo*. Il-membri qablu li l-Kunsill ma jsib ebda' oġġezzjoni sakemm jittieħdu l-miżuri ta' prekawzjoni skond dawk maħruġa mill-Awtorita' tas-Saħħa u jinġiebu l-permessi neċessarji ta' l-Awtoritajiet konċernati.

30.5.3 Ittra minngħand resident fi Triq il-Ponta fejn qed jilmenta fuq bankina wiesgħa li saret faċċata tal-garaxx tiegħu. Is-Sindku nforma lil membri li din il-bankina saret mill-Ministeru għal Għawdex għalhekk l-ilment tiegħu għandu jgħaddi għand il-Ministeru. Il-membri qablu.

30.5.4 Emejl mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn talbu l-Kunsill jindika sa mhux aktar minn ħames postijiet fil-lokalita' fejn jistgħu jsiru c-*charging pillars.* Il-membri qablu li ssir talba biex jiġu nstallati dawn fejn il-kumpless ta' Ħal Sagħtrija, fi Pjazza l-Assunta, fi Triq il-Knisja fejn il-Kunsill, fejn il-*playing field* ta' Triq Mons de Piro u fil-Bajja tax-Xwejni.

30.5.5 Ilment Nru 82/2020

Ilment li kien wasal għand il-Kunsill f'Awwissu 2020 fejn resident talab sabiex issir rampa li tkun aċċessibli għal persuni li jużaw siġġu bir-roti fil-promenade ta' fuq l-Otters.
Il-membri qablu li din għandha ssir.

30.5.6 Ilment Nru 11/2021

Talba sabiex isir parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' fi Triq ix-Xagħra.
Il-membri qablu li għandha ssir talba ma' Transport Malta.

30.5.7 Ilment Nru 12/2021

Talba sabiex issir *Keep Clear* fit-tarf ta' ġewwa ta' Triq is-Salini sabiex il-*minibus* ta' l-iskola tkun tista' ddur.

Il-membri ma qablux ma din it-talba minħabba telf ta' parkeġġ.

**30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 21/2021 għall-perjodu ta' Marzu 2021 li tammonta għal €50,321.96 ġiet approvata.

**30.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha tiġi diskussa meta ssir aktar il-quddiem.

Konfermati, 8 ta' Ġunju 2021

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv